



# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI  
HENRIK SAUGMANDSGAARD ØE  
ppreżentati fis-6 ta' Diċembru 2018<sup>1</sup>

**Kawża C-24/17**

**Österreichischer Gewerkschaftsbund, Gewerkschaft Öffentlicher Dienst**  
**vs**  
**Ir-Repubblika tal-Awstrija**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, Awstrija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età – Sistema nazzjonali ta' remunerazzjoni u ta' avvanz ta' membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru kkunsidrata diskriminatorja – Adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida biex tirmidja din id-diskriminazzjoni – Modalitajiet ta' trasferiment tal-persuni kkonċernati lejn is-sistema l-ġdida – Twettiq ta' differenza ta' trattament – Ġustifikazzjonijiet – Dritt għal kumpens – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Artikolu 45 TFUE – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Moviment liberu tal-ħaddiema – Nuqqas ta' ostakolu”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE, tal-Artikoli 20, 21 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), tal-Artikoli 1, 2, 6 u 17 tad-Direttiva 2000/78/KE, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>2</sup>, u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni<sup>3</sup>.

2. Din it-talba saret fil-qafas ta' kawża bejn l-Österreichischer Gewerkschaftsbund, Gewerkschaft Öffentlicher Dienst (il-Konfederazzjoni Awstrijaka tas-sindakati, Sindakat tas-Servizz Pubbliku, iktar 'il quddiem l-“ÖGB”), kontra r-Repubblika tal-Awstrija (iktar 'il quddiem ir-“Repubblika tal-Awstrija”) u li kellha bħala suġġett il-legalità tas-sistema federali ta' remunerazzjoni u ta' avvanz ta' membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku li ġiet adottata mill-Awstrija fil-bidu tas-sena 2015, sabiex ittemm diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, wara s-sentenza Schmitzer<sup>4</sup>.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

3 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 (ĠU 2011, L 141, p. 1).

4 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 (C-530/13, EU:C:2014:2359). Dwar l-istadji tal-evoluzzjoni segwita, b'korrelazzjoni ma' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, mid-dritt Awstrijak fil-qasam ta' remunerazzjoni u l-avvanz fis-servizz pubbliku, ara, b'mod partikolari, il-punti 15 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

3. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, qabel kolloxx, dwar jekk id-dritt tal-Unjoni – u b'mod iktar partikolari, l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78 u l-Artikolu 21 tal-Karta – jipprekludix il-modalitajiet magħżula mil-leġiżlatur Awstrijak sabiex jittrasferixxi l-membri tal-persunal bil-kuntratt mis-sistema qadima ta' remunerazzjoni u ta' avvanz lejn din is-sistema l-ġdida. Jiena nikkunsidra li dan huwa l-każ, għar-raġunijiet li ser nesponi f'dawn il-konklużjonijiet.

4. Sussegwentement, f'każ li, kif qed nirrakkomanda, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda magħmula, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk għandux jingħata kumpens finanzjarju, b'mod partikolari bis-saħħa tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78, lill-membri tal-persunal bil-kuntratt li sofrew diskriminazzjoni bis-sistema l-qadima. Jiena nikkunsidra li għandha tingħata risposta kkwalifikata għal din id-domanda, ibbażata iktar fuq l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva.

5. Fil-każ oppost, li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, din il-qorti tistaqsi jekk leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik ikkontestata tipprekludix lill-persuni kkonċernati mid-dritt għal rimedju effettiv, fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta. Anki jekk ma nikkunsidrax li ser ikun il-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar din id-domanda sussidjarja, xorta ser nippreżenta xi osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett.

6. Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tistabbilixxi jekk id-dritt tal-Unjoni – b'mod partikolari, l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011 u l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta – jipprekludix li perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement minn membru tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku milli jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod differenti, jiġifieri hux b'mod sħiħ jew parzjalment, skont min kienet il-persuna li timpjega ta' qabel. Jiena tal-fehma li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

7. Nenfazizza li hemm rabtiet mill-qrib ferm bejn din il-kawża u l-Kawża C-396/17, Leitner, li hija s-suġġett ta' konklużjonijiet differenti iżda mogħtija fl-istess jum bħal dawn il-konklużjonijiet<sup>5</sup>.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

#### 1. Id-Direttiva 2000/78

8. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 jipprevedi li “[l]-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' [...] età [...] f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.”

9. L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat “Il-kunċett ta' diskriminazzjoni”, fil-paragrafu 1 tiegħu jiddefinixxi, il-“prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament” bħala “li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.” Fil-paragrafu 2(a) tiegħu jiddikjara li “għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1”.

5 B'mod iktar partikolari, l-ewwel żewġ domandi preliminari magħmula hawn [fi kliem ieħor, il-punt a) tal-ewwel domanda u l-punt b) tal-ewwel domanda] huma l-istess bħall-ewwel, it-tieni u r-raba' domandi li huma magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) fil-Kawża C-396/17, Leitner, li tirrigwarda s-sistema Awstrijaka ta' remunerazzjoni u ta' avvanz ta' uffiċjali, filwaqt li din il-kawża tirrigwarda dik applikabbli għall-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku, żewġ sistemi kumplementari u ekwivalenti. Nippreċiża li, f'dawn iż-żewġ kawżi, kemm ir-rikorrenti rispettivi fil-kawżi prinċipali, li għandhom l-istess rappreżentant, kif ukoll il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw sottomissjonijiet essenzjalment simili dwar dawn l-aspetti komuni, u dan se jiġi rifless f'dawn il-konklużjonijiet.

10. L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Il-ġustifikazzjoni għal trattament differenti fuq bażi ta’ età”, fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu tiegħu jipprevedi li “[m]inkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta’ età m’għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b’għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta’ l-impjieġ, tas-suq tax-xogħol u ta’ objettivi ta’ taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji”. It-tieni sentenza tispjega li “[d]an it-trattament differenti jista’ b’mod partikolari jinkludi [...] l-iffissar ta’ kondizzjonijiet minimi ta’ età, esperjenza professjonali jew anzjanità f’servizz għall-aċċess ta’ mpjieġ jew għal ċerti vantaġġi marbuta ma’ l-impjieġ [...]”.

11. L-Artikolu 9 tal-istess direttiva, intitolat “Id-difiża ta’ drittijiet”, fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi li “[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inklużi meta jitqies approprjat proċeduri ta’ konċiljazzjoni, għall-eżekuzzjoni ta’ obbligi taħt din id-Direttiva, ikunu disponibbli għal-persuni kollha li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin minħabba nuqqas ta’ applikazzjoni tal-prinċipju ta’ l-ugwaljanza fit-trattament, anke wara li r-relazzjoni li fiha jkun allegat li saret id-diskriminazzjoni tkun spiċċat”.

12. L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/78, intitolat “Il-konformità”, fil-punt a) tiegħu jipprevedi li “[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li [...] kwalunkwe liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kuntrarji għall-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament huma aboliti”.

13. L-Artikolu 17 ta’ din id-direttiva, intitolat “Is-Sanzjonijiet”, jiddikjara li “[l]-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu applikati. Is-sanzjonijiet, li jistgħu jinvolvu l-pagament ta’ kumpens lill-vittma, għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi [...]”.

## 2. *Ir-Regolament Nru 492/2011*

14. Fit-taqsimha 2 tal-Kapitolu I tar-Regolament Nru 492/2011, intitolat “Impjieġ u ugwaljanza fit-trattament”, l-Artikolu 7(1) jipprevedi li “[h]addiem ċittadin ta’ xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor, ikun trattat b’mod differenti minn ħaddiema nazzjonali minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta’ kwalunkwe kondizzjoni tal-impjieġ u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta’ paga, tkeċċija u jekk hu jisfa’ mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieġ mill-ġdid”.

## **B. *Id-dritt Awstrijak***

### 1. *Il-VBG 2010*

15. Il-klassifikazzjoni tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fl-iskali ta’ salarji u l-avvanz tagħhom, li bħala regola ssir kull sentejn, huma rregolati mill-Vertragsbedienstetengesetz 1948<sup>6</sup> (il-Liġi tal-1948 dwar il-membri tal-persunal bil-kuntratt, iktar ’il quddiem il-“VBG 1948”), kif emendata diversi drabi, b’mod partikolari sabiex tiegħu inkunsiderazzjoni s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-kuntest ta’ kawżi relatati mad-dispożizzjonijiet tad-dritt Awstrijak f’dan il-qasam.

6 BGBl., 86/1948.

16. Wara s-sentenza Hütter<sup>7</sup>, il-VBG 1948 ġiet emendata permezz ta' liġi federali ppubblikata fit-30 ta' Awwissu 2010<sup>8</sup> (VBG 1948 fil-verżjoni li ħarġet minn din il-liġi, iktar 'il quddiem il-"VBG 2010").

17. L-Artikolu 19(1) tal-VBG 2010 jipprevedi li "[l]-avvanz huwa ddeterminat skont data ta' referenza" u li "[h]lief għal dispożizzjoni kuntrarja f'dan l-artikolu, il-perijodu neċessarju għal avvanz għat-tieni skala ta' kull kategorija ta' impjieg huwa ta' ħames snin u ta' sentejn għall-iskali l-oħra".

18. L-Artikolu 26(1) tal-VBG 2010 jipprevedi li "[b]la ħsara għar-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4 sa 8, id-data ta' referenza li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-avvanz fl-iskala għandha tiġi kkalkolata billi wieħed imur lura għall-jum tar-reklutaġġ fir-rigward ta' perijodi sussegwenti għat-30 ta' Ġunju tas-sena li matulha jkun twettqu disa' snin ta' skola jew kienu jtwettqu wara ammissjoni fl-ewwel livell ta' tagħlim [...]".

## 2. Il-VBG emendata

19. Wara s-sentenza Schmitzer<sup>9</sup>, il-kontenut tal-Artikoli 19 u 26 tal-VBG 1948 reġa' ġie emendat, b'effett retroattiv, bis-saħħa ta' liġi federali ppubblikata fil-11 ta' Frar 2015<sup>10</sup> (VBG 1948 fil-verżjoni li ħarġet minn din il-liġi, iktar 'il quddiem il-"VBG 2015").

20. Barra minn hekk, sabiex tiġi konformi mas-sentenza tal-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, Awstrija)<sup>11</sup>, il-liġi federali ppubblikata fis-6 ta' Diċembru 2016<sup>12</sup> emendat għal darb'oħra l-VBG 1948 (fil-verżjoni li ħarġet minn din il-liġi, iktar 'il quddiem il-"VBG 2016" u, flimkien mal-VBG 2015, il-"VBG emendata"), f'dak li jirrigwarda d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Artikoli 19 u 26 tal-VBG 2015.

21. Taħt it-titolu "Klassifikazzjoni u avvanz", l-Artikolu 19(1) tal-VBG 2015 jipprevedi li "[i]l-klassifikazzjoni u l-avvanz fil-karriera ulterjuri huma stabbiliti abbażi tal-anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni".

22. Taħt it-titolu "Anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni", l-Artikolu 26 tal-VBG 2015 jipprevedi:

"1. L-anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni tinkludi l-perijodi ta' servizz utli għall-avvanz, miżjuda bil-perijodi ta' servizz preċedenti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

2. L-anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni, bħala perijodi ta' servizz preċedenti, il-perijodi mwettqa

7 Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009 (C-88/08, EU:C:2009:381), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78 fis-sens "li jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li, sabiex ma tippreġudikax l-edukazzjoni ġenerali meta mqabbla mal-edukazzjoni professjonali, u sabiex tippromwovi l-integrazzjoni ta' apprendisti żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, teskludi l-perijodi ta' xogħol imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena milli jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-iskala li fiha għandhom jiġu kklassifikati l-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku ta' Stat Membru." (punt 51, enfasi miżjud minni).

8 BGBl. I, 82/2010.

9 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 (C-530/13, EU:C:2014:2359), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, interpretat l-Artikolu 2(1) u (2)(a) kif ukoll l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 fis-sens li "jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li, sabiex iġġib fi tmiemha diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, tieħu inkunsiderazzjoni perijodi ta' taħriġ u ta' servizz qabel l-età ta' 18-il sena iżda li, fl-istess waqt, tintroduċi fir-rigward biss tal-uffiċjali vittmi ta' din id-diskriminazzjoni estensjoni ta' tliet snin tat-tul neċessarju sabiex wieħed ikun jista' jgħaddi mill-ewwel għat-tieni skala ta' kull kategorija ta' impjieg u ta' kull kategorija ta' remunerazzjoni" (punt 45, enfasi miżjud minni). Id-dispożizzjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża Schmitzer, li kienu jirrigwardaw l-uffiċjali, kienu simili għal dawk li jirrigwardaw il-membri tal-persunal bil-kuntratt f'din il-kawża.

10 BGBl. I, 32/2015.

11 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2016 (Ro 2015/12/0025-3).

12 BGBl. I, 104/2016.

- 1) fil-qafas ta' relazzjoni ta' xogħol ma' kollettività territorjali jew ma' komun ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, tar-Repubblika tat-Turkija jew tal-Konfederazzjoni Svizzera;
  - 2) fil-qafas ta' relazzjoni ta' xogħol ma' korp tal-Unjoni Ewropea jew ma' organizzazzjoni intergovernattiva li [r-Repubblika tal-]Awstrija hija membru tagħhom;
  - 3) il-perijodi li matulhom il-membru tal-persunal bil-kuntratt kellu dritt għal pensjoni tal-invalidità bis-saħħa tal-Heeresversorgungsgesetz (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Forzi Armati) [...], u
  - 4) il-perijodi mwettqa [...] fis-servizz militari [...], fis-servizz ta' taħriġ militari [...], fis-servizz ċivili [...], fis-servizz militari obbligatorju [...].
3. Minbarra l-perijodi msemmija fil-paragrafu 2, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala perijodi ta' servizz preċedenti, il-perijodi ta' eżerċizzju ta' attività professjonali jew ta' stage ma' amministrazzjoni rilevanti, għal mhux iktar minn total ta' għaxar snin. [...]"

23. Skont il-punt 3 tal-Artikolu 100(70) tal-VBG 2016, "l-Artikoli 19 u 26, inkluż it-titoli tagħhom, fil-verżjoni li tirriżulta mil-liġi federali ppubblikata fil-BGBL. I, 32/2015 [...], jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1948; il-verżjonijiet kollha ta' dawn id-dispożizzjonijiet ippubblikati qabel il-11 ta' Frar 2015 ma jistgħux jiġu applikati iktar fil-proċeduri pendenti jew futuri [...]"

### 3. *Il-GehG emendata*

24. Il-Gehaltsgesetz 1956<sup>13</sup> (il-Liġi dwar is-Salarji tal-1956, iktar 'il quddiem il-"GehG 1956") ukoll ġiet emendata bis-saħħa ta' liġijiet federali li ġew ippubblikati rispettivament fil-11 ta' Frar 2015 u fis-6 ta' Diċembru 2016 hawn fuq imsemmija<sup>14</sup> (GehG 1956 fil-verżjoni li toħroġ minn dawn iż-żewġ liġijiet, iktar 'il quddiem il-"GehG emendata").

25. Mill-Artikolu 94a tal-VBG emendat jirriżulta li, "għall-finijiet tat-trasferiment tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-sistema ta' remunerazzjoni maħluqa mill-ġdid permezz tal-liġi federali ppubblikata fil-BGBL. I, 32/2015, għandhom jiġu applikati l-Artikoli 169c, 169d u 169e tal-GehG [emendata]", li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-uffiċjali diġà fis-servizz fis-sistema ġdida ta' remunerazzjoni u ta' avvanz.

26. Taħt it-titolu "Trasferiment ta' relazzjonijiet ta' xogħol pendenti", l-Artikolu 169c tal-GehG emendata jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 9 tiegħu:

"1. L-uffiċjali kollha ta' kategoriji ta' remunerazzjoni u ta' impjeg imsemmija fl-Artikolu 169d, li huma fis-servizz fil-11 ta' Frar 2015, ser jiġu kklassifikati mill-ġdid, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin u abbażi biss tas-salarju preċedenti tagħhom, fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni maħluqa b'din il-liġi federali. Fl-ewwel stadju, l-uffiċjali ser jiġu kklassifikati, skont is-salarju preċedenti tagħhom, fi skala tas-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni li fiha jinżamm is-salarju preċedenti. [...]"

2. It-trasferiment tal-uffiċjal fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni jsir permezz ta' kalkolu globali tal-anzjanità tiegħu fis-sistema ta' remunerazzjoni. L-ammont ta' trasferiment huwa determinanti għall-kalkolu globali. L-ammont ta' trasferiment jikkorrispondi għas-salarju sħiħ mingħajr eventwali avvanz eċċezzjonali, kif użat għall-kalkolu tas-salarju tal-uffiċjal għax-xahar ta' Frar 2015 (ix-xahar tat-trasferiment). [...]"

<sup>13</sup> BGBL. 54/1956.

<sup>14</sup> Ara l-punti 19 u 20 ta' dawn il-konklużjonijiet, li jfakkru ċ-ċirkustanzi ta' dawn iż-żewġ emendi.

2a. L-ammont li għandu jintuża bħala ammont ta' trasferiment huwa dak tal-iskala ta' salarju li kien effettivament determinanti għar-remunerazzjoni mħallsa għax-xahar tat-trasferiment (klassifikazzjoni skont id-dikjarazzjoni tas-salarju). Huwa eskluż li jsir eżami dwar il-korrettezza tal-bażi tas-salarju kif ukoll tal-ammont tiegħu. Ma għandhiex tiġi kkunsidrata korrezzjoni ulterjuri tas-salarji mħallsa għall-kalkolu tal-ammont ta' trasferiment ħlief jekk

- 1) din il-korrezzjoni ssir minħabba żbalji fattwali li saru meta d-data ddaħħlet f'sistema awtomatika ta' trattament tal-informazzjoni, u
- 2) id-data mdaħħla bi żball hija differenti b'mod ċar mid-data li kellha tiddaħħal, kif jipprovaw d-dokumenti diġà eżistenzi fil-mument meta ddaħħlet.

[...]

2d. Il-paragrafi 2a u 2b jittrasponu fid-dritt Awstrijak, fil-qasam tar-Regolamenti tal-Persunal Federali u tal-Għalliema tal-Länder, l-Artikoli 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78 [...] kif interpretati mis-sentenza [Specht *et al*<sup>15</sup>]. Il-modalitajiet ta' trasferiment tal-uffiċjali identifikati qabel id-dħul fis-seħħ tar-riforma federali tar-remunerazzjonijiet tal-2015 għalhekk ġew stabbiliti fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni u jipprevedu li, minn naħa waħda, l-iskala ta' remunerazzjoni li issa huma marbuta magħha hija stabbilita biss abbażi tas-salarju li kellhom taħt is-sistema ta' remunerazzjoni qadima, minkejja li din is-sistema kienet ibbażata fuq diskriminazzjoni bbażata fuq l-età tal-uffiċjal u li, min-naħa l-oħra, l-avvanz ulterjuri għal skala ta' remunerazzjoni oġġla issa hija kkalkolata biss skont l-esperjenza professjonali miksuba mid-dħul fis-seħħ tar-riforma tar-remunerazzjonijiet tal-2015.

3. L-anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni tal-uffiċjal ikklassifikat mill-ġdid hija stabbilita abbażi tal-perijodu neċessarju għall-avvanz mill-ewwel skala ta' salarju (mill-ewwel ġurnata) sal-iskala ta' salarju tal-istess kategorija ta' impjeg li għaliha huwa previst, fil-verżjoni fis-seħħ fit-12 ta' Frar 2015, is-salarju inqas l-iktar qrib tal-ammont ta' trasferiment. Jekk l-ammont ta' trasferiment jikkorrispondi għall-ammont l-iktar baxx ta' skala ta' salarju fl-istess kategorija ta' impjeg, allura tinżamm din l-iskala. L-ammonti kollha pparagunati għandhom jitqarrbu għall-egrebità f'EUR.

[...]

6. [...] Jekk is-salarju l-ġdid tal-uffiċjal huwa inqas mill-ammont ta' trasferiment, jitħallas allowance sad-differenza tal-ammont, meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar, bħala allowance kumplimentari [...], sakemm jilħaq skala ta' salarju oġġla mill-ammont ta' trasferiment. Il-paragun tal-ammonti jinkludi l-eventwali allowances ta' anzjanità u l-avvanzi straordinarji.

[...]

9. Sabiex jiġu protetti l-aspettativi għall-avvanz suċċessiv, għall-avvanz straordinarju jew għall-allowance ta' anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni l-qadima, meħuda inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar, l-uffiċjal huwa intitolat għal allowance kumplimentari [...], malli jilħaq l-iskala tranżitorja [...].”

15 Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014 (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005).

### III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. L-ÖGB, li tirrappreżenta b'mod partikolari l-membri tal-persunal bil-kuntratt li għandhom relazzjoni ta' xogħol ta' natura privata mar-Repubblika tal-Awstrija, ippreżentat rikors kontra din tal-aħħar, quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema), sabiex jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tas-sistema ta' remunerazzjoni u ta' avvanz applikabbli għal dawn il-membri tal-persunal wara r-riforma tal-VBG 1948 li saret fil-bidu tas-sena 2015<sup>16</sup> baqgħu kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni u sabiex jiġi ddikjarat li għandhom jiġu implimentati modalitajiet oħra għall-benefiċċju tal-persuni kkonċernati.

28. Insostenn tar-rikors tagħha, l-ÖGB argumentat li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età li tirriżulta mis-sistema l-qadima nżammet mis-sistema l-ġdida, minħabba l-fatt li tiegħu s-salarju dovut għax-xahar ta' Frar 2015 bħala punt ta' riferiment għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tas-salarju tal-membri tal-persunal ikkonċernati. Hija żżid li dawn tal-aħħar ma għandhom l-ebda possibbiltà sabiex jistħarrġu l-legalità ta' dan is-salarju, minħabba t-tneħħija b'mod retroattiv tad-“data ta' referenza għall-finijiet tal-avvanz” li kienet applikabbli sa dakinhar.

29. Barra minn hekk, hija sostniet li d-distinzjoni prevista bejn il-perijodi ta' servizz mwettqa ma' kollettività territorjali ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew ma' entità simili, li għandhom jittiegħdu inkunsiderazzjoni kollha kemm huma, u dawk imwettqa ma' persuni oħra li jimpjegaw, li huma meħuda inkunsiderazzjoni b'mod limitat, huma kuntrarji għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja<sup>17</sup>.

30. Ir-Repubblika tal-Awstrija kkontestat dawn l-allegazzjonijiet, minn naħa waħda, billi argumentat li l-leġiżlazzjoni adottata fl-2015 kienet konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>18</sup>. Hija rifjutat ukoll l-argument ibbażat fuq allegat ksur tad-dritt għal rimedju effettiv.

31. Min-naħa l-oħra, hija sostniet li kien konformi mad-dritt tal-Unjoni li din il-leġiżlazzjoni tiegħu inkunsiderazzjoni fit-totalità tagħhom biss dawk il-perijodi ta' servizz preċedenti mwettqa fil-qafas ta' relazzjoni ta' xogħol li jimplika rabta partikolari mas-servizz pubbliku.

32. F'dan il-kuntest, permezz ta' digriet tad-19 ta' Diċembru 2016 li wasal fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Jannar 2017, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

“1) a) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78 [...], moqrija flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li (fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena) tissostitwixxi sistema ta' remunerazzjoni diskriminatorja abbażi tal-età b'sistema ġdida ta' remunerazzjoni, iżda li tipprevedi t-trasferiment tal-impjegati eżistenti lejn is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni billi tiffissa b'mod retroattiv id-dħul fis-seħħ tas-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni għad-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi inizjali, filwaqt li tiddetermina l-ewwel klassifikazzjoni fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni skont is-salarju effettivament imħallas konformement mas-sistema preċedenti ta' remunerazzjoni, għal xahar ta' trasferiment speċifiku (Frar 2015), b'tali mod li d-diskriminazzjoni eżistenti preċedentement abbażi tal-età tinżamm fl-effetti finanzjarji tagħha?

16 Ara l-punti 19 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

17 F'dan ir-rigward, l-ÖGB semmiet is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Zentralbetriebsrat der gemeinnützigen Salzburger Landeskliniken (C-514/12, EU:C:2013:799).

18 Ir-Repubblika tal-Awstrija rreferiet għas-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005); tat-28 ta' Jannar 2015, Starjakob (C-417/13, EU:C:2015:38), u tad-9 ta' Settembru 2015, Unland (C-20/13, EU:C:2015:561).

- b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda [punt a)]: [i]d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78 [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impjegati eżistenti li ġew iddiskriminati fis-sistema preċedenti ta' remunerazzjoni fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa qabel ma għalqu t-18-il sena, għandhom jiksbu kumpens finanzjarju jekk din id-diskriminazzjoni abbażi tal-età tinżamm fl-effetti finanzjarji tagħha anki wara t-trasferiment lejn is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni?
- c) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda [punt a)]: [i]d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 47 tal-Karta [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv li huwa msemmi fih jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li s-sistema preċedenti ta' remunerazzjoni diskriminatorja ma tistax tibqa' tiġi applikata fil-proċeduri pendenti jew futuri u li r-riklassifikazzjoni salarjali tal-impjegati eżistenti fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni hija ddeterminata biss abbażi tas-salarju li għandu jiġi kkalkolat u mħallas għax-xahar tat-trasferiment?
- 2) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 45 TFUE, 7(1) tar-Regolament [Nru 492/2011] u 20 *et seq.* tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni li tipprevedi li l-perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement minn membru tal-persunal bil-kuntratt għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni:
- fl-integralità tagħhom meta jkunu twettqu fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol ma' kollettività territorjali jew ma' komun ta' Stat Membru taż-[ŻEE], tar-Repubblika tat-Turkija jew tal-Konfederazzjoni Svizzera, ma' korp tal-Unjoni Ewropea jew ma' organizzazzjoni intergovernattiva li [r-Repubblika tal-]Awstrija hija membru tagħhom, jew ma' entitajiet simili oħra,
  - għal mhux iktar minn total ta' għaxar snin meta jkunu twettqu fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol ma' persuna oħra li timpjega, biss meta l-attività professjonali jew l-istage ma' amministrazzjoni jkunu rilevanti?"
33. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-ÖGB, mill-Gvern Awstrijak kif ukoll mill-Kummissjoni.
34. Permezz ta' posta elettronika mibgħuta fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet kjarifika, li l-qorti tar-rinviju wieġbet, u għamlet mistoqsija bil-miktub, li għaliha wieġbu l-ÖGB, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni.
35. Waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2018, dawn l-istess partijiet u l-partijiet ikkonċernati ressqu s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## IV. Analiżi

### A. Osservazzjonijiet preliminari

36. Din il-kawża tikkonċerna l-leġiżlazzjoni Awstrijaka ġdida dwar il-modalitajiet li jipprevedu li l-esperjenza miksuba qabel id-dħul fis-servizz hija meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-klassifikazzjoni u tal-avvanz tal-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku. Din is-sistema ta' remunerazzjoni, li tirriżulta mir-riforma tal-VBG 1948 li saret fil-bidu tas-sena 2015, hija simili għal dik li saret fl-istess żmien fir-rigward tal-uffiċjali<sup>19</sup>.

<sup>19</sup> Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.



37. Bis-saħħa ta' din is-sistema l-ġdida, il-klassifikazzjoni ta' membru tal-persunal bil-kuntratt fis-sistema ta' remunerazzjoni u tal-avvanz ulterjuri tiegħu fl-iskali ma baqgħux stabbiliti skont "data ta' referenza", punt ta' tluq fittizju, iżda skont l-"anzjanità" fl-imsemmija sistema<sup>20</sup>. Sabiex din tal-aħħar tiġi kkalkolata, jiġu kkunsidrati, apparti l-perijodu tar-relazzjoni tal-impjeg pendenti, il-perijodu ta' servizz preċedenti għad-dħul fis-servizz, inkwantu dawn huma espressament ikkunsidrati bħala rilevanti, u dan b'mod differenti skont it-tip tal-persuna li timpjega, jiġifieri, kollha fit-totalità tagħhom meta dawn l-attivitajiet ikunu ġew eżerċitati fi ħdan entitajiet pubbliċi speċifikati, iżda sa mhux iktar minn għaxar snin fil-każijiet l-oħra<sup>21</sup>.

38. Il-membri tal-persunal bil-kuntratt li kienu fis-servizz meta daħlet fis-seħħ ir-riforma<sup>22</sup>, li hija applikabbli b'mod retroattiv<sup>23</sup>, huma ttrasferiti lejn is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni permezz ta' klassifikazzjoni mill-ġdid li topera b'mod sistematiku bil-mod segwenti<sup>24</sup>. Qabel kollox, il-membri tal-persunal kollha kkonċernati huma kklassifikati fi skala ta' din is-sistema l-ġdida abbażi tas-salarju preċedenti tagħhom. Sussegwentement, l-anzjanità tagħhom hija stabbilita b'mod globali fis-sistema ta' remunerazzjoni, skont "ammont ta' trasferiment" li jikkorrispondi mal-iskala ta' salarju effettivament determinanti għas-salarju li jkun tħallas mill-persuna li timpjega għax-xahar ta' Frar 2015, imsejjaħ "xahar ta' trasferiment", filwaqt li huwa speċifikat eżami dwar jekk din ir-remunerazzjoni hijiex korretta jew le jsir biss jekk ikun hemm żbalji materjali u ċari meta tkun qed tinġabar id-data<sup>25</sup>.

39. Id-domandi magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex, essenzjalment, tistabbilixxi jekk il-leġiżlazzjoni l-ġdida inkwistjoni twassalx, fir-rigward tal-membri tal-persunal bil-kuntratt diġà fis-servizz, għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-età bi ksur tad-dritt tal-Unjoni kif murija fis-sentenza Schmitzer<sup>26</sup>, kif tiddikjara l-ÖGB, jew jekk dan ma huwiex il-każ, kif issostni l-konvenuta fil-kawża prinċipali.

40. Din il-qorti, qabel kollox, tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-modalitajiet li bihom jitwettag it-trasferiment tal-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-sistema qadima Awstrijaka ta' remunerazzjoni u ta' avvanz, iddikjarata diskriminatorja, lejn is-sistema l-ġdida (taqsima B). Hija ssostni, b'mod iktar partikolari, dwar il-fatt li t-trasferiment isir mingħajr kumpens finanzjarju għall-membri tal-persunal li jkunu ġew żvantaġġati mis-sistema l-qadima (taqsima C). B'mod sussidjarju, hija tirrileva wkoll, li din is-sistema l-ġdida ma tippermettix lill-membri tal-persunal ikklassifikati mill-ġdid jeżaminaw mill-ġdid tal-element ta' riferiment stabbilit skont ir-regoli tas-sistema l-qadima, fatt li jista' jċaħħadhom mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (taqsima D). Finalment, hija tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix ir-regoli li permezz tagħhom il-perijodi ta' servizz preċedenti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fit-totalità tagħhom jew inkella parzjalment, skont il-persuna li timpjega li magħhom ikunu twettqu (taqsima E).

20 Ara l-Artikolu 19(1) tal-VBG 2015, meta mqabbel mal-verzjoni tiegħu tal-VBG 2010.

21 Ara l-Artikolu 26(1) sa (3) tal-VBG 2015.

22 B'mod iktar speċifiku, dawk fis-servizz fil-11 ta' Frar 2015.

23 Skont il-punt 3 tal-Artikolu 100(70) tal-VBG 2016, l-effetti tal-Artikoli 19 u 26 tal-VBG 2015 huma retroattivi għall-1 ta' Lulju 1948, data meta daħlet fis-seħħ il-VBG 1948, kemm fir-rigward tal-proċeduri pendenti kif ukoll għal dawk futuri.

24 Id-dettalji tal-proċess ta' trasferiment jinsabu fl-Artikolu 169c tal-GehG emendata, dispożizzjoni applikabbli għall-membri tal-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 94a tal-VBG emendata.

25 Kif jiddikjaraw il-paragrafi 1 u 2a tal-Artikolu 169c tal-GehG emendata, fejn jissemma b'mod partikolari li din hija "klassifikazzjoni skont id-dikjarazzjoni tas-salarju".

26 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 (C-530/13, EU:C:2014:2359), li l-kontenut tagħha tfakkar fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

**B. Fuq il-modalitajiet tat-trasferiment tal-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-sistema l-qadima ta' remunerazzjoni u ta' avvanz lejn is-sistema l-ġdida [l-ewwel domanda, punt a)]**

41. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78 flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta, għandux jiġi interpretat li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li permezz tagħha sistema ta' remunerazzjoni diskriminatorja hija ssostitwita b'sistema ġdida, meta t-trasferiment lejn din tal-aħħar tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz kollha jsir b'tali mod li l-ewwel klassifikazzjoni fis-sistema l-ġdida ssir skont is-salarju mħallas għal xahar partikolari li ġie kkalkolat skont is-sistema l-qadima<sup>27</sup>. Qabel kollox, nirrileva li, bil-kliem użat fi tmiem id-domanda tagħha<sup>28</sup>, din il-qorti tindika espressament li hija tikkunsidra *a priori* li d-diskriminazzjoni preċedenti hija mwettqa mil-leġislazzjoni inkwistjoni<sup>29</sup>.

42. Dwar dan, l-ÖGB targumenta li, peress li l-leġislazzjoni li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali tipprevedi li l-klassifikazzjoni mal-ġdid tal-membri tal-persunal bil-kuntratt diġà fis-servizz issir abbażi tas-salarju mħallas fix-xahar ta' Frar 2015, stabbilita b'mod diskriminatorju, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età li tirriżulta mis-sistema l-qadima ta' remunerazzjoni tippersisti minħabba din ir-rabta<sup>30</sup> u li l-motivi invokati sabiex jiġġustifikaw din il-leġislazzjoni ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni. Il-Gvern Awstrijak ma jinnegax li l-effetti tad-diskriminazzjoni maħluqa mis-sistema l-qadima jistgħu b'hekk ikomplu, iżda jiddikjara li l-modalitajiet użati sabiex isir it-trasferiment tal-imsemmija membri tal-persunal lejn is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni huma mhux biss iġġustifikati minn għanijiet leġittimi, iżda wkoll adattati u neċessarji sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tikkunsidra li tali leġislazzjoni ma hijiex kompatibbli mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikoli 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78, inkwantu jżommu differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età li ma hijiex iġġustifikata. Jiena wkoll tal-istess opinjoni, għar-raġunijiet hawn taħt esposti.

43. Qabel xejn, fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li huma msemmija f'din id-domanda preliminari, nirrileva li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età huwa stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta u spjegat bid-Direttiva 2000/78, iżda li din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' din tal-aħħar, fil-kuntest ta' kawża bħal dik fil-kawża prinċipali, peress li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva<sup>31</sup>. Barra minn hekk, peress li la l-għan tad-Direttiva 2000/78 u lanqas il-fatturi ta' diskriminazzjoni pprojbiti minnha, kif iddefiniti fl-Artikolu 1, ma huma direttament ikkontestati f'din il-kawża, ma jidher li huwa neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

27 Nispjega li problema simili tqajmet bl-ewwel domanda magħmula fil-Kawża konnessa C-396/17, Leitner, li hija s-suġġett ta' konklużjonijiet tiegħi bl-istess data bħal dawn.

28 Jiġifieri "b'tali mod li d-diskriminazzjoni eżistenti preċedentement abbażi tal-età tinżamm fl-effetti finanzjarji tagħha".

29 Madankollu, hija tistaqsi, b'mod partikolari, dwar il-possibbiltà, li jiġu misluta tagħlimiet, f'din il-kawża, mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-iżvilupp simili li sar mid-dritt Ġermaniż f'dan il-qasam. Hija ssemmi, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2011, Hennigs u Mai (C-297/10 u C-298/10, EU:C:2011:560); tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005), u tad-9 ta' Settembru 2015, Unland (C-20/13, EU:C:2015:561). Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Kawża Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2017:893, punt 6 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 18), l-Avukat Ġenerali Mengozzi jispjega li l-imsemmija kawża "kienu jirrigwardaw, min-naħa, is-sistema tas-salarji applikabbli, fuq livell kemm federali kif ukoll regionali [fil-Ġermanja], għall-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-settur pubbliku jew għall-membri tal-persunal mas-servizz pubbliku u bbażata b'mod prevalenti fuq kriterji ta' anzjanità anagrafika u, min-naħa l-oħra, fuq il-modi ta' mogħdija minn din is-sistema ta' remunerazzjoni għal sistema mhux ibbażata fuq kriterji diskriminatorji".

30 L-ÖGB targumenta li, skont is-sentenza ċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) ikkunsidrat, fir-rigward tar-riforma tar-remunerazzjonijiet li saret fl-2015, li "ma huwiex [...] konċepibbli li t-trasferiment kollettiv – fuq kollox kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – ta' uffiċjali eżistenti lejn is-sistema l-ġdida, abbażi ta' pożizzjoni li kienu jokkupaw fis-sistema qadima diskriminatorja jista' sempliċement iħassar id-diskriminazzjoni li tkun saret fil-perijodi preċedenti".

31 Fil-fatt, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali għandhom jaġixxu b'osservanza tad-Direttiva 2000/78 meta jadottaw miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, li tikkonkretizza, fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Jannar 2015, Felber, C-529/13, EU:C:2015:20, punti 15 sa 17, u tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia, C-143/16, EU:C:2017:566, punti 16 u 17).

44. Sussegwentement, fil-każ tal-ilmenti mressqa fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jidhirli li din hija kkontestata fir-rigward tal-modalitajiet li permezz tagħhom il-membri tal-persunal li kienu fis-servizz waqt l-adozzjoni tar-riforma tal-2015 huma ttrasferiti mis-sistema qadima ta' remunerazzjoni, ikkunsidrata diskriminatorja<sup>32</sup>, lejn is-sistema l-ġdida. Fi kliem ieħor, għandu jiġi stabbilit jekk id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jistgħux iwasslu d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età li tirriżulta minn din is-sistema qadima, qabel ma jiġi eżaminat jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex oġġettivament u raġonevolment iġġustifikati, b'tali mod li ma jaqgħux fil-projbizzjoni prevista bid-Direttiva 2000/78.

45. Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, ninnota li skont l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, ikun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, b'mod partikolari, abbażi tal-età.

46. Barra minn hekk, infakkar li fis-sentenza Schmitzer<sup>33</sup>, li minnha oriġinat ir-riforma inkwistjoni hawnhekk<sup>34</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka kif kienet qabel din ir-riforma kellha differenza fit-trattament direttament ibbażata fuq l-età fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u li din id-differenza ma kinitx debitament iġġustifikata minn għanijiet leġittimi, b'tali mod li taqa' fil-projbizzjoni deskritta fl-imsemmi Artikolu 2(2)(a).

47. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod ripetut li meta l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kategorija ta' persuni f'sistema ta' remunerazzjoni ġdida ssir b'mod esklużiv skont parametru marbut mal-età li jirriżulta mis-sistema l-qadima, dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dan it-tip jistgħu jikkawżaw differenza fit-trattament, ibbażata fuq l-età, fi ħdan din is-sistema l-ġdida<sup>35</sup>.

48. F'dan il-każ, l-Artikolu 169c tal-GehG emendata, flimkien mal-Artikolu 94a tal-VBG emendata, jipprevedi li l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz issir "abbażi biss tas-salarju preċedenti tagħhom"<sup>36</sup>, li kienet ukoll ibbażata fuq l-età. B'dan il-mod, dawn id-dispożizzjonijiet iwasslu għal sitwazzjoni diskriminatorja li permezz tagħha l-membri tal-persunal li kienu żvantaġġati bis-sistema l-qadima jirċievu salarju inqas minn dak li jirċievu l-membri tal-persunal l-oħra, minkejja li s-sitwazzjonijiet tagħhom kienu komparabbli, u dan sempliċement minħabba l-età li huma kellhom meta wettqu s-servizzi preċedenti li għandhom jiġu kkunsidrati.

32 Skont is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2014, Schmitzer (C-530/13, EU:C:2014:2359), li l-kontenut tagħha huwa mfakkar fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

33 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 (C-530/13, EU:C:2014:2359, punti 35 u 44).

34 Ara l-punti 19 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 Ara s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2011, Hennigs u Mai (C-297/10 u C-298/10, EU:C:2011:560, punti 84 sa 86); tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et al.* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punti 57 sa 60), u tad-9 ta' Settembru 2015, Unland (C-20/13, EU:C:2015:561, punti 38 sa 40).

36 B'mod iktar preċiż, skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 169c, il-klassifikazzjoni mill-ġdid issir abbażi ta' "ammont ta' trasferiment" li jikkorrispondi għas-salarju sħiħ imħallas għax-"xahar ta' trasferiment", jiġifieri x-xahar ta' Frar 2015, salarju li huwa kkalkolat skont is-sistema qadima ta' remunerazzjoni.

49. Il-qorti tar-rinviju tiddeċiedi bl-istess mod. Filwaqt li jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hawn fuq imsemmija, il-Gvern Awstrijak barra minn hekk jirrikonoxxi li dawn id-dispożizzjonijiet tas-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni jestendu l-effetti diskriminatorji tas-sistema l-qadima<sup>37</sup>. Fuq kollox, il-Kummissjoni tesponi li mix-xogħlijiet preparatorji nazzjonali jirriżulta li l-leġislatur Awstrijak deliberatament għażel metodu li għandu tali konsegwenzi<sup>38</sup>.

50. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, ma hemmx dubju li leġislazzjoni bħal din inkwistjoni tirriżulta f'sitwazzjoni diskriminatorja, jiġifieri d-differenza ta' trattament ibbażata fuq l-età fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 kif ikkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Schmitzer<sup>39</sup>. Id-diskriminazzjonijiet li kienu jeżistu qabel ir-riforma inkwistjoni huma b'hekk mistennija jippersistu, u dan, mhux sempliċement b'mod provviżorju, iżda b'mod permanenti jew definittiv<sup>40</sup>.

51. It-tieni nett, fir-rigward tal-eventwali ġustifikazzjoni tad-differenza ta' trattament li tkompli b'dan il-mod, għandu jifakkar li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78 jippermetti li titwarrab il-klassifikazzjoni ta' diskriminazzjoni diretta fis-sens tal-Artikolu 2, u b'hekk il-projbizzjoni li tirriżulta minnha, meta d-differenzi ta' trattament ibbażati fuq l-età huma "fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, objettivament u raġonevolment iġġustifikat[i] b'għan leġittimu", bħal dawk elenkati f'dan l-Artikolu 6<sup>41</sup>, u li "l-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprijati u neċessarji".

52. Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, għalkemm hija fl-aħħar mill-aħħar il-qorti nazzjonali, li hija l-uniku organu kompetenti sabiex jevalwa l-fatti, li għandha tistabbilixxi jekk u sa fejn il-leġislazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija konformi ma' dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti tal-Ġustizzja, li tintalab tagħti risposti utli lill-qorti nazzjonali, hija kompetenti sabiex tagħti indikazzjonijiet, abbażi tal-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-osservazzjonijiet li jkunu sarulha, li jistgħu jippermettu lill-qorti tar-rinviju tagħti deċiżjoni fil-kawża li hija adita minnha<sup>42</sup>.

53. Fir-rigward tal-għanijiet li jistgħu jiġġustifikaw il-kontenut tal-leġislazzjoni inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju<sup>43</sup> u l-Gvern Awstrijak jindikaw li l-modalitajiet ta' trasferiment użati fir-riforma tal-2015 kienu, minn naħa waħda, intiżi sabiex jevitaw diffikultajiet sinjifikattivi wisq li jirriżultaw minn iffissar ta' ammont għal kull wieħed mid-diversi membri tal-persunal ikkonċernati<sup>44</sup>, u min-naħa l-oħra, sabiex it-tranżazzjoni tibqa' newtrali f'termini ta' spejjeż għall-Istat u, finalment, sabiex tipprevjeni tnaqqis sinjifikattiv fil-livell ta' remunerazzjoni għal dawn il-membri tal-persunal.

37 Skont dan il-Gvern, "ir-Repubblika tal-Awstrija hija konxja mill-fatt li leġislazzjoni li, għat-trasferiment ta' impjegati eżistenti ta' sistema ta' remunerazzjoni diskriminatorja bbażata fuq l-età lejn sistema ġdida, tipprevedi li l-klassifikazzjoni fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni titwettaq biss abbażi tas-salarju li jirċievu skont is-sistema qadima ta' remunerazzjoni – diskriminazzjoni bbażata fuq l-età–, hija tali li ttwettaq diskriminazzjoni kkawżata mis-sistema qadima ta' remunerazzjoni".

38 Skont il-kliem tal-estratt iċċitat mill-Kummissjoni, ibbażat fuq l-ispejjezzjonijiet li jikkonċernaw l-abbozz tal-Gvern dwar il-liġi li kellha temenda l-Artikolu 169c tal-GehG 2015, liġi sussegwentement ippubblikata fil-BGBl. I, 104/2016 (ara l-annessi mal-minuti miktuba bl-idejn tal-Kunsill nazzjonali 1296 tal-Leġislatura XXV, p. 2, aċċessibbli fl-indirizz internet segwenti: [https://www.parlament.gv.at/PAKT/VHG/XXV/I/I\\_01296/fname\\_564847.pdf](https://www.parlament.gv.at/PAKT/VHG/XXV/I/I_01296/fname_564847.pdf)): "Il-leġislatur [Awstrijak] għalhekk għażel deliberatament dan il-mod ta' trasferiment u b'hekk wettaq deliberatament u espliċitament id-diskriminazzjoni, sabiex jevita t-telf tad-dħul għall-impjegat fis-servizz u jiżguralhom livell ta' dħul u aspettattivi ta' dħul li kienu jistennew sa minn diversi snin".

39 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 (C-530/13, EU:C:2014:2359).

40 Ser nerġa' nirreferi għal dan l-aħħar element, fil-punti 60 u 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Jiġifieri, skont il-paragrafu 1 tal-imsemmi Artikolu 6, iġġustifikati "b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta' l-impjeg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali".

42 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2017, G4S Secure Solutions (C-157/15, EU:C:2017:203, punt 36), u tal-25 ta' Lulju 2018, Dyson (C-632/16, EU:C:2018:599, punt 54).

43 Din il-qorti ssemmi speċifikament elementi ta' motivazzjoni li jinsabu fix-xogħlijiet preparatorju tar-riforma (Bericht des Verfassungsausschusses, 457 BlgNR XXV. GP, 2).

44 B'mod iktar preċiż, dan il-Gvern isostni li, fuq livell federali biss, madwar 160 000 każ kellhom jiġu eżaminati fil-kuntest tat-trasferiment lejn is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni, b'tali mod li eżami individwali ma setax jitwettaq f'terminu qasir.

54. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq eventwali diffikultajiet amministrattivi u ż-żieda fl-ispejjeż finanzjarji, ma jistgħux, bħala regola, jibbażaw in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mill-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba tal-età prevista fid-Direttiva 2000/78. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li ma jistax jintalab eżami individwali ta' kull każ partikolari sabiex jiġu stabbiliti *a posteriori* u individwalment il-perijodi ta' esperjenza preċedenti, sa fejn il-ġestjoni tal-iskema kkonċernata għandha tibqa' vijabbli mil-lat tekniku u ekonomiku<sup>45</sup>.

55. Barra minn hekk, huwa stabbilit li l-volontà, espressa b'mod ċar mil-leġiżlatur Awstrijaku<sup>46</sup>, li joffri lil kategorija ta' persuni l-garanzija ta' trasferiment fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni mingħajr telf finanzjarju, u għalhekk b'osservanza tad-drittijiet kweżiti u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, tikkostitwixxi għan leġittimu ta' politika tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol<sup>47</sup>, li tista' tiġġustifika, matul perijodu tranżitorju, iż-żamma tas-salarji preċedenti u, konsegwentement, iż-żamma ta' sistema diskriminatorja bbażata fuq l-età<sup>48</sup>.

56. Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali effettivament issegwi għan leġittimu fis-sens tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78, sussegwentement għandu jiġi eżaminat jekk il-metodi użati humiex adattati u neċessarji sabiex jintlaħaq dan il-għan, skont din id-dispożizzjoni.

57. Fir-rigward tan-natura adattata ta' tali dispożizzjonijiet, bħall-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni, niddubita bil-qawwa li l-element ikkontestat tar-riforma tal-2015, jiġifieri l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz kollha taħdem "biss abbażi tas-salarju preċedenti tagħhom"<sup>49</sup>, jista' jiġi kkunsidrat bħala adattat sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni kemm tad-drittijiet kweżiti kif ukoll tal-aspettattiva leġittima tal-persuni kollha kkonċernati b'dan id-dispożittiv.

58. Fil-fatt, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-leġiżlatur Awstrijaku adotta diversi miżuri li għandhom l-għan li jevitaw lil dawn il-persuni kollha, irrispettivament minn jekk ġewx vantaġġati jew le mis-sistema l-qadima, isofru telf sinjifikattiv ta' salarju minħabba din ir-riforma<sup>50</sup>. Issa, is-sempliċi fatt li tali miżuri tranżitorji kellhom jiġu adottati, flimkien mad-dispożittiv ibbażat fuq is-salarju preċedenti li huwa kkontestat, jippermetti li jiġi preżunt li dan waħdu, u għalhekk fih innifsu, ma huwiex adattat sabiex jippreżerva d-drittijiet kweżiti u l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati.

45 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punti 77 sa 80), u tat-28 ta' Jannar 2015, Starjakob (C-417/13, EU:C:2015:38, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Kif jirriveva l-estratt tax-xogħlijiet preparatorji nazzjonali ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2015, Unland (C-20/13, EU:C:2015:561, punt 42), u tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180, punt 41).

48 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2015, Starjakob (C-417/13, EU:C:2015:38, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Skont il-modalitajiet mfakkra fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 Fid-dawl tad-deċiżjoni tar-rinviju u tal-kjarifiki li saru wara minn din il-qorti, jidher li li ġew previsti diversi mekkaniżmi, fl-istadji differenti tal-proċessi ta' trasferiment, sabiex jiġi evitat eventwali tnaqqis sinjifikattiv tas-salarji tal-persuni kklassifikati mill-ġdid (b'mod partikolari skala msejja "miżmuma" u żewġ allowances ta' żamma suċċessivi, skont il-paragrafi 6 u 9 tal-Artikolu 169c tal-GehG emendata). Din il-qorti tispejja li l-mekkaniżmi inkwistjoni "ma humiex intiżi sabiex jikkompensaw is-salarji diskriminatorji minħabba l-età li jservu bħala referenza għall-ammont ta' trasferiment".

59. Fuq kollox, fir-rigward tan-natura neċessarja ta' dispożizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, nikkunsidra li d-dispożittiv adottat fl-2015 imur lil hinn minn dak neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan hawn fuq imsemmi. Kif tindika l-Kummissjoni<sup>51</sup>, u minkejja l-opinjoni kuntrarja tal-Gvern Awstrijak, tipi oħra ta' miżuri, li ma jippenalizzawx daqstant lill-persuni li kienu żvantaġġati bis-sistema l-qadima<sup>52</sup>, setgħu jiġu implimentati biex jipproteġu d-drittijiet kweżiti u l-aspettattiva leġittima tal-membri tal-persunal kollha kkonċernati<sup>53</sup>, fl-opinjoni tiegħi, mingħajr mal-ġestjoni tas-sistema l-ġdida ma ssir mhux vijabbli minn perspettiva teknika u ekonomika<sup>54</sup>.

60. Fl-opinjoni tiegħi, din il-konstatazzjoni tirriżulta, fuq kollox, fir-rigward tal-perijodu mingħajr limitu tad-dispożittiv il-ġdid, li ma jippermettix konverġenza progressiva tas-salarju riżervat għall-membri tal-persunal żvantaġġati bis-sistema l-qadima lejn is-salarju mogħti lill-membri tal-persunal vantaġġati, b'tali mod li tal-ewwel jibbenefikaw fi żmien qasir jew medju, u fi kwalunkwe każ fi tmiem perijodu prevedibbli, minn aġġustament tal-benefiċċji mogħtija lil dawn tal-aħħar<sup>55</sup>.

61. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-għan inkwistjoni ma għandux jiġġustifika miżura li, bħal f'dan il-każ, iżomm definittivament id-differenza fit-trattament skont l-età li r-riforma ta' sistema diskriminatorja hija intiża li telimina. Tali miżura, minkejja li tista' tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet kweżiti u tal-aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-uffiċjali vantaġġati mis-sistema preċedenti, ma hijiex idonea sabiex tistabilixxi sistema nondiskriminatorja għall-uffiċjali żvantaġġati mill-imsemmija sistema preċedenti<sup>56</sup>.

62. Finalment, nispjega li l-argument, imressaq mill-Gvern Awstrijak, li l-Gewerkschaft Öffentlicher Dienst (is-Sindakat tas-Servizz Pubbliku, l-Awstrija) ta l-kunsens tiegħu fir-rigward tal-modalitajiet tar-riforma inkwistjoni ma għandux jikkontesta mill-ġdid l-analiżi li għadha kif saret. Fil-fatt, bħall-Istati Membri, l-imsieħba soċjali għandhom jaġixxu b'osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/78<sup>57</sup>, anki jekk ir-rwol ta' dawn tal-aħħar jista' jkun ċentrali waqt it-tnejjija ta' ċerti regolamenti<sup>58</sup>.

63. Għalhekk, nikkunsidra li, minkejja l-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' mogħti lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali fl-għażla mhux biss ta' tfittxija ta' għan partikolari fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, iżda wkoll fl-adozzjoni tal-miżuri biex jintlaħaq tali għan<sup>59</sup>, il-leġiżlatur Awstrijak ma setax raġonevolment jikkunsidra bħala adattat u neċessarju li jadotta dispożizzjonijiet nazzjonali bħall-Artikolu 169c tal-GehG emendata flimkien mal-Artikolu 94a tal-VBG emendata.

51 Il-Kummissjoni tirrileva li "sabiex tissodisfa l-kriterju tal-protezzjoni tal-aspettattiva leġittima fir-rigward ta' ċertu livell ta' salarju, jidher li huwa biżżejjed li jinżamm is-salarju li kien riċevut qabel. Għalhekk jista' jsir allinjament tal-avvanz fl-iskala ta' remunerazzjoni għall-[membri tal-persunal bil-kuntratt] kollha bl-istess mod; sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattiva leġittima, madankollu l-membri tal-persunal li minħabba f'hekk isofru telf ta' dħul jistgħu jingħataw is-salarju li kienu jirċievu sa dakinhar fil-waqt li jiġi sseparat mill-iskala ta' remunerazzjoni li fiha huma għandhom effettivament jiġu kklassifikati, sakemm jilhqqu l-iskala korrispondenti ta' dan is-salarju. Dan il-mekkaniżmu iżomm ċerti effetti tad-diskriminazzjoni l-qadima, jiġifieri dawk li jirrigwardaw id-dħul, iżda biss għal perijodu tranżitorju ta' tul prevedibbli" (enfasi miżjud minni).

52 Ninnota li fil-kuntest tar-riforma preċedenti, li saret fl-2010, il-leġiżlatur Awstrijak għażel li jwettaq eżami każ b'każ, minflok jagħmel klassifikazzjoni mill-ġdid awtomatika u globali, kif tenfasizza l-ÖGB.

53 Nenfasisza li għet adottata metodoloġija differenti mir-Repubblika tal-Awstrija, u reċentement iddikjarata bħala konformi mad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'kuntest simili ta' trasferiment fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni datata wkoll fl-2015. Ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180, punt 45), fejn ġie enfasizzat li "l-leġiżlatur Awstrijak, fil-kuntest tal-proċess ta' adożzjoni tal-Artikolu 53a tal-Liġi Federali dwar il-Ferroviji tal-2015, osserva bilanċ bejn, minn naħa, it-tneħħija tad-diskriminazzjoni minħabba l-età u, min-naħa l-oħra, iż-żamma tad-drittijiet miksuba taħt is-sistema legali preċedenti".

54 Skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punti 83 sa 85), fejn ġie enfasizzat li "id-differenza fis-salarju titnaqqas, jew anki, f'ċerti każijiet, tispiċċa wara xi snin".

56 Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2014, Schmitzer (C-530/13, EU:C:2014:2359, punti 43 u 44).

57 Il-kunsens ta' sindakat fl-opinjoni tiegħi jista' jkun determinanti meta differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età tinżamm provviżorjament, iżda mhux jekk l-effetti tagħha jippersistu definittivament.

58 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2018, Bedi (C-312/17, EU:C:2018:734, punti 68 sa 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia (C-143/16, EU:C:2017:566, punti 31 u 46), u tad-19 ta' Settembru 2018, Bedi (C-312/17, EU:C:2018:734, punt 59).

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena tal-opinjoni li l-Artikoli 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li modalitajiet li permezz tagħhom il-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz huma ttrasferiti minn sistema qadima ta' remunerazzjoni diskriminatorja lejn sistema ġdida bħal dawk previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

***C. Dwar il-ħtieġa li jitħallas kumpens finanzjarju lill-membri tal-persunal bil-kuntratt żvantaġġati [l-ewwel domanda, punt b)]***

65. Għandu jiġi nnotat li l-qorti tar-rinviju tagħmel it-tieni parti tal-ewwel domanda tagħha fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi qabel xejn li qed issir diskriminazzjoni bbażata fuq l-età minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fid-dawl tar-risposta fl-affermattiv li nipproponi li għandha tingħata għall-ewwel parti tal-ewwel domanda, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi t-tieni parti ta' din id-domanda.

66. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi hawnhekk x'inhuma l-konsegwenzi legali li għandhom jiġu misluta mill-konstatazzjoni li ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni nżamm b'dispożittiv bħal dak inkwistjoni, li jipprevedi t-trasferiment ta' membri tal-persunal bil-kuntratt lejn sistema ġdida ta' remunerazzjoni u ta' avvanz. B'mod iktar preċiż, hija tistaqsi jekk “[i]d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78”, jimponix jew le l-ġhoti ta' kumpens finanzjarju<sup>60</sup> lil membri tal-persunal diġà fis-servizz li ġew iddiskriminati abbażi tal-età minħabba s-sistema l-qadima ta' remunerazzjoni u ta' avvanz, fid-dawl tas-sentenzi preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>61</sup>.

67. Mingħajr ma ssemmi espliċitament l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78, l-ÖGB issostni li, sakemm id-dritt tal-Unjoni jiġi implimentat b'mod korrett, il-persuni żvantaġġati għandhom igawdu mill-istess benefiċċji bħall-persuni vantaġġati. Il-Gvern Awstrijak ma ppreżentax osservazzjonijiet speċifiċi dwar din it-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari<sup>62</sup>. Il-Kummissjoni, wara li ssemmet b'mod speċjali l-imsemmi Artikolu 17 fl-osservazzjonijiet tagħha u fid-dawl tal-fatt li kumpens finanzjarju jista' jkun dovut f'dan il-każ, finalment tissuġġerixxi li għandha tingħata risposta li fin-nuqqas ta' sistema konformi ma' din id-direttiva, il-membri tal-persunal żvantaġġati bis-sistema preċedenti għandhom jingħataw l-istess benefiċċji bħal dawk li minnhom setgħu jibbenefikaw il-membri tal-persunal vantaġġati b'din is-sistema, fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena, kif ukoll fl-avvanz fl-iskala tar-remunerazzjonijiet.

68. Anki jekk essenzjalment naqbel mal-proposta finali ta' din l-istituzzjoni, madankollu nikkunsidra li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78, li huwa msemmi f'din id-domanda preliminari, ma huwiex il-bażi legali adattata tingħata deċiżjoni dwar hux meħtieġ jew le li jingħata kumpens finanzjarju lill-persuni li sofrew diskriminazzjoni, f'tali ċirkustanzi<sup>63</sup>.

60 Jidhirli, fid-dawl tal-kliem ta' din id-domanda u ta' punti tad-deċiżjoni tar-rinviju relatati magħha, li din il-qorti tistaqsi jekk il-leġiżlatur Awstrijak kellux jipprevedi għal kumpens finanzjarju fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fiha nnifisha, u mhux jekk ir-responsabbiltà tal-Istat setgħetx eventwalment tintalab minħabba n-nuqqas ta' tali miżura.

61 Din il-qorti tenfasizza li l-leġiżlatur Awstrijak għażel li “jipproċedi bit-trasferiment tal-impjegati eżistenti fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni mingħajr kalkolu ġdid b'mod individwali għal kull impjegat u b'mod newtrali f'termini ta' spejjeż, mingħajr kumpens finanzjarju”. Hija tikkunsidra li differenti mid-dispożittivi li minnhom oriġinaw is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005), u tad-9 ta' Settembru 2015, Unland (C-20/13, EU:C:2015:561), li bihom l-uffiċjali kollha fis-servizz kienu potenzjalment affettwati, hawnhekk ikun possibbli li titkejjel id-diskriminazzjoni magħmula, u għalhekk il-kumpens li għandu jingħata lill-impjegati milquta, permezz “tal-kategorija ffurmata minn dawk li wettqu perijodi ta' servizz biss wara li jkun għalqu 18-il sena”.

62 Dan il-Gvern semma din il-problema waqt is-seduta, fil-kuntest tar-replika tiegħu, u għall-kuntrarju, tkellem b'mod iddettaljat fir-rigward tat-tieni domanda magħmula fil-Kawża relatata C-396/17, Leitner, li dwarha tajt il-konklużjonijiet illum ukoll, kwistjoni li wkoll titlob interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78.

63 Anki jekk ma ninjorax li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet inkludiet l-imsemmi Artikolu 17 fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punt 87 u d-dispożittiv 4), bħala risposta għar-raba' domanda li saritilha f'din il-kawża, liema sentenza ġiet imsemmija fil-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju li tirrigwarda l-kwistjoni eżaminata hawnhekk.

69. Fil-fatt, nirrileva li dan l-Artikolu 17, li huwa relatat mas-sanzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jimponu fuq min jkser dispożizzjonijiet nazzjonali adottati sabiex tiġi trasposta din id-direttiva<sup>64</sup>, ma jkoprix dan l-eżempju, li hija kwistjoni dwar kif Stat Membru għandu eventwalment jirrimedja<sup>65</sup> diskriminazzjoni maħluqa mhux bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandu jiġi ssanzjonat b'mod adattat<sup>66</sup>, iżda bin-nuqqas ta' osservanza ta' rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni minn dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali stess.

70. Nikkunsidra li huwa aktar adattat li jsir riferiment, f'dan il-każ, għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/78 li huwa relatat mal-obbligu li għandhom l-Istati Membri li jemendaw ir-regoli nazzjonali tagħhom sabiex jiġu konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, kif sar mill-Qorti tal-Ġustizzja, diversi drabi fosthom iktar reċenti, f'kuntesti simili ta' riformulazzjoni ta' sistemi nazzjonali ta' remunerazzjoni minħabba diskriminazzjoni<sup>67</sup>. Għalhekk, nipproponi li din id-domanda tingħata risposta billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 ta' din id-direttiva<sup>68</sup>.

71. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li minkejja li l-imsemmi Artikolu 16 jimponi lill-Istati Membri sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, iħallilhom il-libertà jagħżlu, minn fost is-soluzzjonijiet differenti adattati sabiex tintemm id-diskriminazzjoni pprojbita, dik fosthom li huma jqisu bħala l-iktar adattata għal dan il-għan. Skont din il-ġurisprudenza, it-tneħħija ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mhux neċessarjament tfisser li ħaddiem li ġie ddiskriminat taħt is-sistema legali preċedenti awtomatikament jibbenefika mid-dritt li jirċievi kumpens finanzjarju retroattivament, li jikkorrispondi għad-differenza bejn is-salarju li huwa kien jirċievi fl-assenza ta' diskriminazzjoni u dak li huwa effettivament irċieva, jew żieda fis-salarji futuri. Dan ikun il-każ biss jekk, u sakemm, miżuri li jstabbilixxu mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament ma jkunux ġew adottati mil-leġiżlatur nazzjonali. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza tista' tiġi żgurata biss permezz tal-għoti lill-persuni tal-kategorija żvantaġġata tal-istess benefiċċji li jibbenefikaw minnhom il-persuni tal-kategorija vantaġġata, sistema li, fin-nuqqas tal-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni, tibqa' l-unika sistema ta' riferiment valida<sup>69</sup>.

72. Fl-opinjoni tiegħi, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkorrispondi għal dan l-aħħar każ, peress li nikkunsidra, għar-raġunijiet esposti fir-rigward tal-punt a) tal-ewwel domanda preliminari<sup>70</sup>, li l-miżuri li ġew adottati mil-leġiżlatur Awstrijak, fid-dawl tat-trasferiment tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz lejn is-sistema ġdida ta' remunerazzjoni u ta' avvanz, ma jippermettux li terġa' tiġi stabbilita ugwaljanza fit-trattament għall-benefiċċju tal-membri tal-persunal li ġew żvantaġġati bis-sistema l-qadima<sup>71</sup>. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni l-ġdida żżomm l-effetti diskriminatorji tal-leġiżlazzjoni

64 L-imsemmi Artikolu 17 jispjega li dawn is-sanzjonijiet "jistgħu jinvolvu l-pagament ta' kumpens lill-vittma", iżda "għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi".

65 Nefasizza li hawnhekk huwa l-Istat bħala leġiżlatur, anki jekk, f'dan il-każ, l-Istat huwa wkoll il-persuna li timpjega tal-persuni kkonċernati.

66 Kif kienet id-diffikultà, pereżempju, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-25 ta' April 2013, *Asociația Accept* (C-81/12, EU:C:2013:275, punt 73).

67 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 2015, *Starjakob* (C-417/13, EU:C:2015:38, punti 41 sa 43, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel differenza preċiżament bejn l-għanijiet rispettivi tal-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/78 u tiddikjara li dan tal-aħħar ma huwiex rilevanti fir-rigward tad-domanda, simili għal dik ta' din tal-kawża, magħmula fl-imsemmija kawża); tad-9 ta' Settembru 2015, *Unland* (C-20/13, EU:C:2015:561, punt 48), u tal-14 ta' Marzu 2018, *Stollwitzer* (C-482/16, EU:C:2018:180, punti 28 *et seq.*).

68 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi spirtu ta' kooperazzjoni u sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, *Smith*, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 2015, *Starjakob* (C-417/13, EU:C:2015:38, punti 44 sa 49 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-14 ta' Marzu 2018, *Stollwitzer* (C-482/16, EU:C:2018:180, punti 28 sa 34).

70 Ara l-punti 41 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

71 Jiġifieri l-membri tal-persunal li ġew żvantaġġati, fil-qafas ta' din is-sistema l-qadima, fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' attività mwettqa qabel l-età ta' 18-il sena sabiex jiġu stabbiliti r-remunerazzjoni u l-avvanz tagħhom.



preċedenti<sup>72</sup>, l-osservanza tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament jimplika li dawn il-persuni jingħataw l-istess benefiċċji bħal dawk li minnhom kienu jibbenefikaw il-membri tal-persunal bil-kuntratt li kienu ġew vantaġġati bis-sistema l-qadima, f'dak li jirrigwarda kemm it-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' servizz imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena kif ukoll l-avvanz fl-iskala ta' remunerazzjonijiet<sup>73</sup>. B'mod iktar preċiż, jiena nifhem li l-ġurisprudenza msemija hawn fuq bħala li tfisser li sabiex terġa' tiġi stabbilita l-ugwaljanza fit-trattament jista' jkun hemm bżonn li jingħata kumpens finanzjarju lill-membri tal-persunal żvantaġġati jekk ma jintlaħaqx bilanċ mill-ġdid favur tagħhom, fl-iqas żmien possibbli<sup>74</sup>, permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor adattat sabiex jiżgura l-konformità mitluba skont id-dritt tal-Unjoni.

73. Huwa f'dan is-sens li, fl-opinjoni tiegħi, għandu jiġi interpretat l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/78 sabiex tingħata risposta utli fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari.

***D. Fuq l-ammissibilità tas-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni u ta' avvanz fir-rigward tad-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [l-ewwel domanda, punt c)]***

74. Qabel xejn, nenfasizza li l-punt c) tal-ewwel domanda sar biss f'każ li tingħata risposta negattiva għall-punt a) tal-ewwel domanda, jiġifieri jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għadhiex tikser id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inkwantu din temmet id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età kkonstatata preċedentement. Peress li għall-kuntrarju, qed nipproponi li tingħata risposta affermattiva għal dan il-punt a) tal-ewwel domanda, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn tiddeċiedi dwar din id-domanda. Madankollu, sabiex inkun eżawrjenti, ser nippreżenta xi osservazzjonijiet dwar din il-kwistjoni.

75. Permezz ta' din id-domanda<sup>75</sup>, l-Oberster Gerichtshof (Qorti Suprema) tixtieq tkun taf jekk id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li s-sistema qadima ta' remunerazzjoni u ta' avvanz, iddikjarata diskriminatorja, ma tistax tiġi applikata iktar fil-proċeduri kollha, kemm preżenti kif ukoll futuri<sup>76</sup>, u li t-trasferiment tal-membri tal-persunal bil-kuntratt diġà fis-servizz lejn is-sistema l-ġdida għandu jsir biss abbażi tas-salarju mħallas għax-xahar li matulu jsir it-trasferiment<sup>77</sup>. Din il-qorti tidher li tikkunsidra li tali leġiżlazzjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni minħabba li "l-Artikolu 47(1) tal-Karta jirrikjedi biss proċedura ġudizzjarja li fil-qafas tagħha jistgħu jittieħdu l-miżuri adattati u indikati sabiex jiġi kkonstatat u jintemm ksur tad-dritt fil-każ ikkonċernat".

72 Kif kien il-każ, bħala paragon, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-28 ta' Jannar 2015, Starjakob (C-417/13, EU:C:2015:38, ara b'mod speċjali, il-punt 48) u kuntrarjament għal dik inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180, ara b'mod speċjali l-punti 31 sa 34).

73 Nenfasizza li din is-sitwazzjoni hija differenti minn dawk li wasslu għaż-żewġ kawżi msemija mill-qorti tar-rinvju, inkwantu, f'dawn il-kawżi, kuntrarjament għal dan il-każ, ma kienx possibbli li tiġi identifikata kategorija ta' persuni li għet vantaġġata bil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, b'tali mod li ma kienx hemm sistema ta' referenza valida (ara s-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et*, C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punti 81 u 93 sa 97, u tad-9 ta' Settembru 2015, Unland, C-20/13, EU:C:2015:561, punt 47).

74 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Jonkman *et* (C-231/06 sa C-233/06, EU:C:2007:373, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata), fejn ġie spjegat li, wara li tingħata deċiżjoni preliminari li minnha jirriżulta nuqqas ta' kompatibilità ta' liġi nazzjonali mad-dritt Komunitarju, ikun l-obbligu tal-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat li jieħdu l-miżuri ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw l-osservanza tad-dritt Komunitarju fuq it-territorju tagħhom u li, filwaqt li jżommu l-għażla tal-miżuri li jistgħu jittieħdu, dawn l-awtoritajiet għandhom b'mod partikolari jiżguraw li, fl-inqas żmien possibbli, id-dritt nazzjonali jsir konformi mad-dritt tal-Unjoni u li d-drittijiet tal-individwi taħt dan id-dritt jkun jistgħu jiġu invokati. Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:38, punt 119).

75 Ninnota li interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta huwa mitlub ukoll, f'kuntest ġuridiku simili, mit-tieni u r-raba' domandi preliminari magħmula fil-Kawża konnessa C-396/17, Leitner, li hija s-suġġett tal-konklużjonijiet tiegħi mogħtija llum ukoll.

76 F'dan il-każ, skont il-punt 3 tal-Artikolu 100(70) tal-VBG 2016 (ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 23 ta' dawn il-konklużjonijiet).

77 Hawnhekk mill-Artikolu 169c(1) sa (2a) tal-GehG emendata, flimkien mal-Artikolu 94a tal-VBG emendata, jirriżulta li l-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz fil-11 ta' Frar 2015 huma kklassifikati mill-ġdid fis-sistema l-ġdida "abbażi biss tas-salarju preċedenti tagħhom", skont "ammont ta' trasferiment" li jikkorrispondi mas-salarju mħallas għax-xahar ta' Frar 2015 (xahar ta' trasferiment) u b'hekk stabbilit skont is-sistema l-qadima. Skont dan il-paragrafu 2a, "huwa eskluż li jsir eżami kemm dwar il-korrettezza tal-bażi [tal-imsemmi salarju] kif ukoll tal-ammont [tiegħu]" u tista' ssir korrezzjoni biss f'każ ta' żbalji materjali u ċari waqt il-ġbir tad-data.

76. Għall-kuntrarju, l-ÖGB tiddikjara li t-tneħħija retroattiva tal-fattur ta' avvanz li kien applikabbli sal-adozzjoni tar-riforma kkontestata<sup>78</sup> tneħħi l-possibbiltà, għall-persuni kkonċernati, li jistħarrġu, permezz ta' qorti indipendenti, il-legalità tas-salarju li minn issa 'l quddiem jittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi ta' klassifikazzjoni mill-ġdid<sup>79</sup>, u b'hekk itellef lill-persuni kkonċernati mid-dritt ta' rimedju ġudizzjarju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta<sup>80</sup>. Il-Gvern Awstrijak ma ppreżentax osservazzjonijiet dwar din id-domanda<sup>81</sup>. Minn naħa tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra, b'mod sussidjarju, li l-imsemmi Artikolu 47 fi kwalunkwe każ għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix tali dispożizzjonijiet nazzjonali. Jiena naqbel ma' din il-pożizzjoni, għar-raġunijiet segwenti.

77. Qabel xejn, nikkunsidra li huwa inkontestabbli li din il-kawża tirrigwarda sitwazzjoni li fiha Stat Membru implimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li l-leġislatur federali kien obligat josserva d-drittijiet fundamentali stabbilit fl-Artikolu 47 tagħha, u b'mod iktar speċifiku d-dritt tal-partijiet fil-kawża li jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-prerogattivi li jagħtihom id-dritt tal-Unjoni<sup>82</sup>. Nirrileva li tali protezzjoni hija, qabel xejn, prevista wkoll b'mod espress bid-Direttiva 2000/78<sup>83</sup>, li t-traspożizzjoni tagħha kienet espliċitament imsemmija fil-leġislazzjoni inkwistjoni hawnhekk<sup>84</sup>.

78. Barra minn hekk, infakkar li kull Stat Membru għandu ċerta awtonomija fil-qasam, li tippermettli jiddefinixxi l-modalitajiet proċedurali tal-kawża intiżi sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet li l-individwi għandhom mid-dritt tal-Unjoni, sakemm dawn il-modalitajiet josservaw iż-żewġ rekwiżiti stabbiliti minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-prinċipju ta' ekwivalenza u l-prinċipju ta' effettività<sup>85</sup>. Kif diġà intwera, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 47 tal-Karta li setgħu jintużaw mill-Qorti tal-Ġustizzja huma ristretti kif ukoll dipendenti fuq diversi fatturi u, b'mod partikolari, jidher li d-dritt għal rimedju effettiv ma jimplikax li l-qrati nazzjonali kompetenti jkunu neċessarjament f'pożizzjoni, fi kwalunkwe każ, li jemendaw id-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-elementi kollha li fuqhom dawn id-deċiżjonijiet huma bbażati<sup>86</sup>.

79. Barra minn hekk, minħabba r-rabtiet li jeżistu bejn l-ewwel sentenza tal-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali<sup>87</sup>, għandha tiġi kkunsidrata l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem relatata ma' din l-aħħar dispożizzjoni<sup>88</sup>. Issa, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li d-dritt għal rimedju

78 Jiġifieri, fid-dritt Awstrijak, id-“data ta' referenza għall-finijiet tal-avvanz”, li kienet użata bħala kriterju determinanti fis-sistema l-qadima ta' remunerazzjoni u ta' avvanz.

79 Jiġifieri, hawnhekk, is-salarju mħallas għax-xahar ta' Frar 2015. L-ÖGB tindika li diversi rikorsi magħmula f'dan ir-rigward minn uffiċjali ġew miċħuda, minħabba li d-dispożizzjonijiet l-antiki ma kinux applikabbli iktar, filwaqt li ġie spjegat li ma kellhomx konozzjoni tad-deċiżjonijiet relatati ma' rikorsi ppreżentati minn membri tal-persunal bil-kuntratt, bħal fil-kawża prinċipali.

80 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-proċedura prinċipali, ir-Repubblika tal-Awstrija sostniet għall-kuntrarju, fil-kwalità tagħha ta' konvenuta, li “la d-dritt għal proċess ġudizzjarju u lanqas [id-dritt għal] protezzjoni ġudizzjarja effettiva (Artikolu 47 tal-Karta) ma ġew miksur”, filwaqt li argumentat li “[d]awn il-prinċipji jikkostitwixxu garanziji jew drittijiet fundamentali proċedurali b'kontenut preċiż, li jippresupponi l-eżistenza ta' dritt materjali iżda li ma jinkludux id-dritt għal deċiżjoni pożittiva dwar il-mertu”.

81 Għall-kuntrarju, huwa wera l-opinjoni tiegħu fir-rigward tat-tieni domanda magħmula fil-Kawża konnessa C-396/17, Leitner, li ssemmi wkoll l-Artikolu 47 tal-Karta.

82 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257, punt 49), u tat-13 ta' Settembru 2018, UBS Europe *et* (C-358/16, EU:C:2018:715, punti 51 u 52).

83 Ara l-premessi 29 *et seq.* u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/78.

84 Ara l-ewwel sentenza tal-Artikolu 169c(2c) tal-GehG emendata.

85 Skont din il-ġurisprudenza, l-imsemmija modalitajiet “ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw azzjonijiet simili fid-dritt intern (il-prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom ikunu mfassla b'mod li jagħmlu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (il-prinċipju ta' effettività)” [ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Belastingdienst vs Toeslagen (effett sospensiv tal-appell), C-175/17, EU:C:2018:776, punt 39].

86 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-Kawża Banger (C-89/17, EU:C:2018:225, punti 77 sa 80, 91 u 102 sa 107, kif ukoll sentenzi u konklużjonijiet iċċitati fihom), fejn huwa enfasizzat, b'mod partikolari, li “[i]l-portata u l-intensità tal-istharrġi ġudizzjarju meħtieġa mill-prinċipju ta' effettività jiddependi mill-kontenut u n-natura tal-prinċipji u r-regoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni implimentati permezz tad-deċiżjoni nazzjonali kkontestata” (punt 102).

87 Konvenzjoni ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

88 Ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Associação Sindical dos Juizes Portugueses (C-64/16, EU:C:2017:395, punti 70 u 71), u s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Belastingdienst vs Toeslagen (effett sospensiv tal-appell) (C-175/17, EU:C:2018:776, punt 35).

effettiv quddiem qorti għandu jippermetti lill-partijiet fil-kawża li jużaw drittijiet u libertajiet stabbilita minn din il-konvenzjoni, filwaqt li dan id-dritt jimponi fuq l-Istati obbligu li l-portata tiegħu tvarja skont in-natura tal-ilment tar-rikorrent u li n-natura effettiva tar-rimedju ma tiddependix miċ-ċertezza ta' deċiżjoni favur il-persuna kkonċernata<sup>89</sup>.

80. F'dan il-każ, ninnota li, fil-kuntest tas-sistema l-ġdida Awstrijaka ta' remunerazzjoni u ta' avvanz, il-portata tal-istħarriġ materjali li l-qrati nazzjonali kompetenti jistgħu jeżerċitaw fir-rigward tal-“ammont ta' trasferiment”, li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-membri membri tal-persunal bil-kuntratt ikkonċernati<sup>90</sup>, hija mnaqqsa<sup>91</sup>. Fil-fatt, dan l-istħarriġ jista' jsir biss fir-rigward ta' ineżattezzi li jirriżultaw minn żbalji fil-ġbir tad-data rilevanti<sup>92</sup>, u mhux fuq eventwali irregolarità fil-kalkolu tas-salarju li fuqu huwa bbażat l-imsemmi ammont, kalkolu magħmul abbażi tas-sistema qadima ta' remunerazzjoni.

81. Madankollu, kif jindikaw kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-Kummissjoni, il-persuni kollha affettwati bir-riforma kkontestata – jiġifieri l-membri tal-persunal bil-kuntratt diġà fis-servizz, irrispettivament minn jekk ġewx vantaġġati jew żvantaġġati bis-sistema l-qadima – għandhom rimedji li jippermettulhom jistħarrġu l-legalità tas-sistema li permezz tagħha ġew ittrasferiti lejn is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni u ta' avvanz<sup>93</sup>. Dan l-istħarriġ ġudizzjarju tal-validità tar-regoli inkwistjoni jista' jiġi eżerċitat, b'mod partikolari, fir-rigward tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni<sup>94</sup>, b'mod li eventwali inkompatibbiltà tar-riforma ma' dawn ir-rekwiżiti tista' tiġi żvelata. Il-kawża prinċipali introdotta<sup>95</sup>, li wasslet għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari, barra minn hekk turi l-eżistenza u l-effikaċja ta' dawn ir-rimedji. Il-persuni kkonċernati għandhom għalhekk il-possibbiltà li jmorru quddiem il-qrati Awstrijaċi sabiex isostnu d-drittijiet li huma għandhom mid-dritt tal-Unjoni, f'ċirkustanzi li, fl-opinjoni tiegħi, huma kompatibbli mal-kontenut imsemmi hawn fuq tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv, fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, u li jippermetti, b'mod iktar speċifiku, li jiġu osservati l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/78.

82. Konsegwentement, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-punt c) tal-ewwel domanda, nipproponi li tingħata rispostha li l-Artikolu 47 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk imsemmija f'din id-domanda.

### ***E. Dwar il-varjabbiltà tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' servizz preċedenti (it-tieni domanda)***

83. Permezz tal-aħħar domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar jekk id-dritt tal-Unjoni – b'mod partikolari, l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011 u l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta – għandux jiġi interpretat fis-sens li jopponi leġislazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-perijodi ta' servizz preċedenti ta' membru tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku jittieħdu

89 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 13 ta' Diċembru 2012, De Souza Ribeiro vs Franza (CE:ECHR:2012:1213JUD002268907, § 79), u Qorti EDB, 13 ta' April 2017, Tagayeva *et* vs Russja (CE:ECHR:2017:0413JUD002656207, § 618).

90 Ara l-kontenut tad-dispożizzjonijiet esposti fin-nota ta' qiegħ il-paġna 77 ta' dawn il-konklużjonijiet.

91 Bl-istess mod kif huwa limitat is-suġġett tal-kontestazzjonijiet tal-istess natura li jistgħu jsiru, preliminarjament, quddiem l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti.

92 Jidhirli li din ir-restrizzjoni għandha l-għan li tippermetti li t-trasferiment lejn is-sistema l-ġdida jsir b'mod awtomatiku u tevita ħafna kawżi eventwali fir-rigward tas-salarju użat bħala bażi, kawżi li jistgħu jiġu ppreżentati mhux biss mill-persuni li kienu żvantaġġati bis-sistema l-qadima, iżda wkoll minn persuni li kienu vantaġġati.

93 Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat l-importanza, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju stabbilit bl-Artikolu 47 tal-Karta, li l-qorti nazzjonali tista' tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund, C-682/15, EU:C:2017:373, punti 56, 59, 84 u 89).

94 Il-qorti tar-rinviju tispjega li dan l-istħarriġ jiġi eżerċitat ukoll fir-rigward tad-dritt kostituzzjonali.

95 Bħall-kawżi l-oħra msemmija mill-ÖGB (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 79 ta' dawn il-konklużjonijiet).

inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni u l-avvanz ta' dan il-membri tal-persunal bil-kuntratt, b'mod differenti skont il-kwalità tal-ex persuna li timpjegah, jiġifieri b'mod totali, meta dawn is-servizzi ikunu ġew eżerċitati f'kollettività territorjali ta' Stat Membru taż-ŻEE jew ta' entità tas-settur pubbliku simili, jew inkella sempliċement parzjalment, fil-każijiet l-oħra<sup>96</sup>.

84. Dwar dan is-suġġett, l-ÖGB issostni li leġiżlazzjoni ta' dan it-tip hija kuntrarja għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn iċ-ċittadini ta' Stat Membru u dawk ta' Stati Membri oħra, mingħajr ma tispjega l-elementi li jikkostitwixxu din l-allegata diskriminazzjoni, u tiddikjara li din ma hija ġġustifikata bl-ebda motiv leġittimu. Għall-kuntrarju, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni jsostnu li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix tali leġiżlazzjoni. Jiena naqbel ma' din l-opinjoni, għar-raġunijiet segwenti.

85. Qabel xejn, fir-rigward tal-“Artikoli 20 *et seq.* tal-Karta” relatati mal-ugwaljanza fid-dritt u n-nondiskriminazzjoni, li jidherli li huma intiżi sempliċement bħala kumplimentari għad-dispożizzjonijiet l-oħra ċċitati f'din id-domanda preliminari<sup>97</sup>, nirrileva li l-Artikolu 52(2) tal-Karta jipprevedi li d-drittijiet espressament irrikonoxxuti minnha li huma s-suġġett ta' dispożizzjonijiet fit-trattati, drittijiet li fosthom hemm il-moviment liberu tal-ħaddiema stabbilit bl-Artikolu 45 TFUE, huma eżerċitati skont il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet iddefiniti minn dawn l-aħħar strumenti. Minn dan isegwi li, sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, l-analiżi tal-imsemmi Artikolu 45 huwa biżżejjed<sup>98</sup>.

86. Sussegwentement, infakkar li l-Artikolu 45(2) TFUE jipprevedi li l-moviment liberu tal-ħaddiema jimplika t-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni, ibbażata fuq in-nazzjonalità, bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri, f'dak li jirrigwarda l-impjeg, ir-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħra ta' xogħol. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011 jikkostitwixxi espressjoni partikolari ta' din il-projbizzjoni fil-qasam speċifiku tal-kundizzjonijiet ta' impjeg u ta' xogħol, b'tali mod li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati bl-istess mod<sup>99</sup>.

87. Kif jispjegaw kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-Kummissjoni, il-paragrafu 4 tal-imsemmi Artikolu 45 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar ma humiex applikabbli għall-impjegji fl-amministrazzjoni pubblika<sup>100</sup>, iżda nikkunsidra li din l-eċċezzjoni ma hijiex effettiva f'dan il-każ, peress li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tillimitax l-aċċess għal tali impjegji għaċ-ċittadini Awstrijaċi biss u li l-kawża prinċipali jidherli li tirrigwarda persuni diġà aċċettati sabiex jeżerċitaw is-servizzi tagħhom fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika Awstrijaka<sup>101</sup>.

96 B'mod iktar speċifiku, f'dan il-każ, l-Artikolu 26 tal-VBG emendata jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-anzjanità fis-sistema ta' remunerazzjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni b'mod totali l-perijodi ta' servizz preċedenti mwettqa minn membru tal-persunal kuntrattwali “fil-qafas ta' relazzjoni ta' xogħol ma' kollettività territorjali jew ma' komun ta' Stat Membru taż-ŻEE] tar-Repubblika tat-Turkija jew tal-Konfederazzjoni Svizzera”, “ma' korp tal-Unjoni Ewropea jew ma' organizzazzjoni intergovernattiva li [r-Repubblika tal-Awstrija hija membru tagħhom”, jew inkella xi entità simili oħra. Għall-kuntrarju, mill-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-perijodi ta' servizz preċedenti mwettqa ma' kategoriji oħra ta' persuni li jimpjegaw jittieħdu inkunsiderazzjoni biss għal mhux iktar minn total ta' għaxar snin u bil-kundizzjoni li l-attività professjonali jew l-istage ma' amministrazzjoni jkun kunsidrati bħala rilevanti.

97 Fil-motivi tad-digriet tagħha relatati ma' din il-kwistjoni, il-qorti tar-rinviju ssemmi prinċipalment l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011, filwaqt li żżid li “tikkunsidra li l-legalità ta' [...] distinzjoni [bħal dik inkwistjoni] għandha tkun eżaminata mill-perspettiva tal-prinċipju ta' ugwaljanza stabbilit fid-dritt tal-Unjoni (Artikolu 20 tal-Karta)”.

98 F'dan is-sens, ara s-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2013, Gardella (C-233/12, EU:C:2013:449, punti 39 u 41), u tas-7 ta' April 2016, ONEm u M. (C-284/15, EU:C:2016:220, punti 33 u 34).

99 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Zentralbetriebsrat der gemeinnützigen Salzburger Landeskliniken (C-514/12, EU:C:2013:799, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata), u, b'analoġija, fir-rigward tal-paragrafu 2 tal-istess Artikolu 7, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et al.* (C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955, punti 34 u 35).

100 Kunċett iddefinit, b'mod partikolari, fis-sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, Haralambidis (C-270/13, EU:C:2014:2185, punti 43 *et seq.*), li minnha jirriżulta, essenzjalment, li l-fatt li l-funzjonijiet jinkludu prerogattivi ta' setgħa pubblika u s-salvagwardja tal-interessi ġenerali tal-Istat jiġġustifikaw li l-Istati Membri jistgħu jirriżervaw dawn il-funzjonijiet għaċ-ċittadini tagħhom stess.

101 Id-deroga prevista bl-Artikolu 45(4) TFUE, interpretata b'mod ristrett, tirrigwarda biss l-aċċess ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra għal ċerti impjegji fl-amministrazzjoni pubblika u ma għandhiex iċaħħad ħaddiem, ladarba ammess mas-servizz tal-amministrazzjoni pubblika ta' Stat Membru, mill-applikazzjoni tar-regoli li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-artikolu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard, C-298/14, EU:C:2015:652, punti 31 u 32, u tat-22 ta' Ġunju 2017, Bechtel, C-20/16, EU:C:2017:488, punti 34 u 35).

88. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod stabbilit li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit kemm fl-Artikolu 45 TFUE kif ukoll fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 jipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjoni diretta, ibbażati b'mod ċar fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll il-forom kollha ta' diskriminazzjoni indiretta li, skont kriterji oħra ta' distinzjoni, iwasslu fil-fatt għall-istess riżultat<sup>102</sup>.

89. F'dan il-każ, nikkunsidra li l-eżistenza ta' diskriminazzjoni diretta tista' faċilment titwarrab, peress li l-leġiżlazzjoni kkontestata ma toħloqx differenza ta' trattament ibbażata fuq in-nazzjonalità tal-membri tal-persunal bil-kuntratt ikkonċernati<sup>103</sup>. Fil-fatt, il-perijodi ta' servizz preċedenti jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ jew inkella parzjalment biss mhux skont jekk il-persuni kkonċernati humiex ċittadini Awstrijaċi jew ċittadini barranin, iżda skont jekk dawn il-perijodi ġewx imwettqa fi ħdan waħda mill-entitajiet tas-settur pubbliku elenkati mil-leġiżlatur federali jew ma' persuna li timpjega ta' xi kategorija oħra.

90. Fir-rigward tal-eżistenza eventwali ta' diskriminazzjoni indiretta, infakkar li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, minkejja li applikabbli irrispettivament min-nazzjonalità, għandha tiġi kkunsidrata bħala diskriminatorja b'mod indirett, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni hawn fuq imsemmija, peress li tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar lill-ħaddiema migranti milli lill-ħaddiema nazzjonali, bir-riskju, konsegwentement, li tiżvantaġġa b'mod iktar partikolari lil dawk tal-ewwel, sakemm ma tkunx oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata għall-għan li għandu jiġi segwit<sup>104</sup>.

91. F'dan il-każ, il-kriterju li abbażi tiegħu ssir id-differenza fit-trattament ikkontestat jista' jiġi kklassifikat bħala li huwa dak li jkun magħruf jekk il-membri tal-persunal ikkonċernat eżerċitax l-attivitajiet preċedenti tiegħu, li talab li jiġu kkunsidrati, fis-servizz pubbliku jew fis-servizz privat, irrispettivament mill-Istat Membru fejn eżerċitahom<sup>105</sup>. Issa, nikkunsidra li tali kriterju ta' distinzjoni, ibbażat fuq in-natura u mhux fuq il-post ta' dawn l-attivitajiet, ma jistax, fid-dawl tan-newtralità tiegħu fuq livell ġeografiku, jaffettwa iktar lill-ħaddiema ta' Stati Membri oħra milli lill-ħaddiema Awstrijaċi. Għalhekk ma jistax jiżvantaġġa din l-ewwel kategorija ta' persuni u johlq b'hekk diskriminazzjoni indiretta. Inżid li, fir-rigward tal-elementi preċedenti, id-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li hija analoga għal dik li minnha oriġinat s-sentenza li l-ÖGB tixtieq tinwoka insostenn tal-ilment tagħha li huwa s-suġġett ta' din id-domanda preliminari<sup>106</sup>.

92. Barra minn hekk, peress li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tipprevedi espressament li l-perijodi ta' servizz preċedenti fis-settur pubbliku li ġew imwettqa fit-territorju ta' Stati Membri oħra taż-ŻEE huma kkunsidrati bl-istess mod bħal dawk li twettqu fit-territorju Awstrijak<sup>107</sup>, jiena nikkunsidra li, f'dan ir-rigward, ma toħloqx ostakolu għal-libertà ta' moviment tal-ħaddiema prevista fl-Artikolu 45 TFUE. Fil-fatt, minn naħa waħda, din il-leġiżlazzjoni ma tostakolax id-dħul ta' ħaddiema li ġejjin minn Stati

102 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Frar 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-317/14, EU:C:2015:63, punt 23), u tat-2 ta' Marzu 2017, Eschenbrenner (C-496/15, EU:C:2017:152, punt 35).

103 Il-Kummissjoni tenfasizza, għustament, li t-tieni domanda preliminari tirrigwarda l-membri tal-persunal kollha li għalihom tapplika s-sistema l-ġdida, filwaqt li l-ewwel domanda preliminari tiffoka fuq il-futur ta' membri tal-persunal li diġà kienu fis-servizz meta daħlet fis-seħħ din is-sistema.

104 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Marzu 2017, Eschenbrenner (C-496/15, EU:C:2017:152, punti 36 u 37), u tat-22 ta' Ġunju 2017, Bechtel (C-20/16, EU:C:2017:488, punt 39).

105 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Gemeinsamer Betriebsrat EurothermenResort Bad Schallerbach (C-437/17, EU:C:2018:627, punti 30 u 31).

106 Jiġifieri s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Zentralbetriebsrat der gemeinnützigen Salzburger Landeskliniken (C-514/12, EU:C:2013:799), li tipprevedi li l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011 ġew interpretati fis-sens li "jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, sabieħ tiġi ddeterminata d-data ta' referenza għall-finijiet tal-avanz ta' impjegati ta' kollettività territorjali għall-iskali ogħla ta' remunerazzjoni fil-kategorija tagħhom għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fit-totalità tagħhom il-perijodi ta' attività mwettqa mingħajr interruzzjoni fis-servizz ta' din il-kollettività, filwaqt li kull perijodu ieħor ta' attività għandu jittieħed inkunsiderazzjoni biss b'mod parzjali" (punt 45). Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, b'mod partikolari, li l-leġiżlazzjoni msemmija f'din il-kawża setgħet tkun ta' żvantaġġ għall-ħaddiema ta' Stati Membri oħra fid-dawl tal-fatt li x'aktarx ikunu kisbu esperjenza professjonali fi Stat Membru li ma huwiex l-Awstrija qabel ma daħlu fis-servizzi tal-Land Salzburg (ara l-punt 28). Tali fattur ta' rabta ma' Stat Membru partikolari ma huwiex preżenti f'din il-kawża.

107 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-Kawża Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2017:893, punt 32), u s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180, punt 46).

Membri oħra fis-servizz pubbliku Awstrijak, peress li l-anzjanità tagħhom hija kkunsidrati bl-istess mod bħall-ħaddiema Awstrijaċi u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija leġiżlazzjoni ma għandhiex l-effett li ttellef jew tiddiswadi lill-ħaddiema Awstrijaċi milli jintegraw fis-suq tax-xogħol ta' Stat Membru ieħor<sup>108</sup>.

93. B'mod sussidjarju, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tiddeċiedi li hemm diskriminazzjoni indiretta jew li hemm ostakolu fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik applikabbli għall-kawża prinċipali, infakkar li hija ġurisprudenza stabbilita, minn naħa waħda, li nuqqas ta' ugwəljanza ta' trattament indirettament ibbażata fuq in-nazzjonalità ma hijiex ipprojbita sakemm tkun oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata mal-għan li għandu jiġi segwit u, min-naħa l-oħra, li ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema jista' jiġi wkoll iddikjarat kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni fl-istess ċirkustanzi<sup>109</sup>.

94. Fl-opinjoni tiegħi, tali leġiżlazzjoni, tista' tkun debitament iġġustifikata permezz ta' għan leġittimu li għandu jiġi segwit. Fil-fatt, kif il-Gvern Awstrijak jinvoka, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat b'mod ripetut li l-fatt li tiġi kkompensata l-esperjenza miksuba fis-settur ikkonċernat, li tpoġġi lill-ħaddiem f'pożizzjoni li jwettaq b'mod aħjar il-funzjonijiet tiegħu, jikkostitwixxi għan leġittimu ta' politika ta' remunerazzjoni, li minnu jirriżulta li l-persuni li jimpjegaw huma, bħala regola,<sup>110</sup> liberi li jikkunsidraw biss tali perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement meta jstabbilixxu salarju<sup>111</sup>. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni hawnhekk għandha bħala effett li tiffavorixxi b'mod speċifiku l-esperjenza professjonali miksuba fis-settur pubbliku meta mqabbla ma' dik miksuba fis-settur privat, sabiex tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni fl-iskali u, għalhekk, is-salarju tal-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku.

95. F'dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tal-miżuri adottati mil-leġiżlatur Awstrijak, sempliċement nindika – dejjem b'mod sussidjarju –, minn naħa waħda, li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fid-definizzjoni tal-miżuri li jistgħu iwasslu għat-tweqqif ta' għan li huma stabbilixxew fil-qasam ta' politika soċjali u tal-impjeg<sup>112</sup> u, min-naħa l-oħra, li ma jidhirlux li miżuri ta' tali tip jistgħu ma jkunux adattati jew imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ<sup>113</sup> sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu hawn fuq imsemmi<sup>114</sup>.

96. Konsegwentement, nipproponi li r-risposta għall-aħħar domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tkun li l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li leġiżlazzjoni nazzjonali li tippredvi li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni u tal-avvanz ta' membru tal-persunal bil-kuntratt fis-servizz pubbliku, jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-perijodi ta' servizz preċedenti li huwa jkun wettaq fis-servizz ta' kollettività territorjali ta' Stat Membru taż-ŻEE u ta' entitajiet simili oħra tas-settur pubbliku.

108 Nispjega li, fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-ħaddiema li "jidħlu" jew "joħorġu" eventwalment jibbenefikaw, wara l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment, minn kundizzjonijiet ta' xogħol – b'mod partikolari minn salarju jew minn modalitajiet ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-anzjanità – inqas favorevoli minn dawk eżistenti fl-Istat li minnu ġejjin ma jikkontestax din l-analiżi, peress li l-Artikolu 45 TFUE ma jagħtihomx id-dritt ta' moviment fl-Unjoni li huwa newtrali fil-qasam soċjali. Dwar dan is-suġġett, ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Gemeinsamer Betriebsrat EurothermenResort Bad Schallerbach (C-437/17, EU:C:2018:627, punti 47 *et seq.*).

109 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, DW (C-651/16, EU:C:2018:162, punt 31).

110 Sabiex diskriminazzjoni bbażata fuq l-età ma tiġix introdotta bl-iskuża ta' dan l-għan leġittimu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009, Hütter, C-88/08, EU:C:2009:381, punt 47).

111 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punt 48), u tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180, punti 39 u 40).

112 Ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-Kawża Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2017:893, punti 28 sa 29 u l-ġurisprudenza ċċitata), u s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2018, Stollwitzer (C-482/16, EU:C:2018:180, punt 45).

113 Skont il-kriterji tat-test ta' proporzjonalità applikata b'mod stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punti 44 *et seq.*, u tas-7 ta' Marzu 2018, DW, C-651/16, EU:C:2018:162, punt 31).

114 F'dan ir-rigward, il-Gvern Awstrijak isostni, fl-opinjoni tiegħi b'mod korrett, li l-kriterju ta' distinzjoni magħżul huwa adattat għall-attività fis-servizz pubbliku, peress li din normalment tirrikjedi ċertu livell ta' lealtà, ta' fiduċja u ta' integrità personali.

## V. Konklużjoni

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, Awstrija) bil-mod segwenti:

- 1) L-Artikoli 2 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex jiġu kkunsidrati perijodi ta' servizz imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena, tissostitwixxi sistema ta' remunerazzjoni kkunsidrata diskriminatorja minħabba l-età b'sistema ġdida ta' remunerazzjoni, iżda tipprevedi li t-trasferiment lejn din tal-aħħar tal-persuni kollha diġà fis-servizz isir billi l-ewwel klassifikazzjoni tagħhom f'din is-sistema l-ġdida tiġi stabbilita abbażi ta' salarju mħallas għal xahar partikolari u kkalkolat skont is-sistema l-qadima, b'tali mod d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età tinżamm fl-effetti finanzjarji tagħha.
- 2) L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn sistema li tneħħi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età b'mod konformi għal dak li tipprevedi din id-direttiva għadha ma ġietx adottata, sabiex ikun hemm mill-ġdid ugwaljanza fit-trattament il-persuni żvantaġġati mis-sistema preċedenti għandhom jingħataw l-istess benefiċċji bħal dawk li minnhom setgħu jibbenefikaw il-persuni vantaġġati minn din is-sistema, f'dak li jirrigwarda mhux biss it-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' servizz imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena, iżda wkoll l-avvanz fl-iskala tas-salarji.
- 3) L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni u tal-avvanz tal-membri tal-persunal bil-kuntratt tas-servizz pubbliku, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod totali l-perijodi ta' servizz preċedenti li l-persuni kkonċernati jkunu wettqu fis-servizz ta' kollettività territorjali ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' entitajiet simili oħra tas-settur pubbliku biss, filwaqt li dawn il-perijodi jiġu kkunsidrati biss b'mod parzjali fil-każijiet l-oħra.